MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tad-29 ta' April, 2013

Appell Kriminali Numru. 129/2012

**Il-Pulizija**
**(Spt. Luke Bonello)**
**Vs**
**Christopher Bugeja**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 505170 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar l-1 ta' Jannar, 2012 ghall-habta tas-00.30 hrs gewwa Triq San Gorg, San Giljan

1. hebb ghal persuna ta' Melo Attard sabiex jingurjaha, idejjaqaha jew jaghmillha hsara;
2. u aktar talli kellu fuqu u fil-pussess tieghu ponn tal-hadid u pepper spray liema akkwist, il-pussess ghal liema ghan ikun, iz-zamma u l-importazzjoni taghhom huma projbiti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta' Marzu, 2012, li biha wara li rat l-artikoli 339(d) tal-Kap. 9 u l-artikoli 2, 3(a) tal-Kap. 480, filwaqt li lliberat lill-appellant mill-ewwel akkuza, sabitu hati tat-tieni akkuza u mmultatu multa ta' seba` mitt Ewro (€700) u ordnat il-konfiska ta' l-oggetti elevati minn fuq l-appellant jigifieri l-“pepper spray” u l-ponn tal-hadid.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-16 ta' Marzu, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu lliberat lill-appellant mill-ewwel akkuza migjuba kontrih, tirrevokaha in kwantu sabitu hati tat-tieni akkuza kif migjuba kontrih u konsegwentement tilliberah minn kull piena u htija skond il-ligi, u f'kaz li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata, l-esponenti jitlob li tigi mposta piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant jikkonsistu fis-segwenti :

1. Illi l-Ewwel Qorti bbazat id-decizjoni taghha fuq il-fatt li galadarba l-Pulizija sbaet fil-pussess ta' l-appellant il-ponn tal-haddid u l-“pepper spray”, dawn kienu awtomatikament proprjeta ta' l-istess appellant.
Illi l-appellant waqt is-smiegh tal-kawza, bil-gurament, spjega l-fatti kif gia gew enuncjati izjed il-fuq, u ossia li l-imsemmija oggetti ma kienux tieghu u li nstabu ghandu stante dak premess, liema verzjoni tal-fatti l-ewwel u qabel kollox ghandu jinghad li qatt ma giet kontradetta mill-appellant innifsu, kif ukoll giet korroborata minn hu l-appellant li kien prezenti ukoll meta gara l-kaz.
Illi din il-verzjoni giet kontradetta biss mill-Pulizija, li kienu prezenti biss wara li effettivament l-appellant kien diga` ha l-oggetti in kwistjoni mill-pussess ta' terzi.

2. Illi fic-cirkostanzi huma tali fejn hemm raguni ghaliex l-appellant kellu l-oggetti fuq il-persuna tieghu izda dan il-

fatt ma nghatax il-piz tieghu. Ix-xhieda tal-Pulizija hija dik fejn l-appellant ma qalux dawn il-fatti filwaqt li l-appellant jghid li mill-ewwel qal dawn il-fatti izda l-Pulizija ma tawx kasu. Illi ghaldaqstant jezisti dubju serju u japplika il-principju ta' *in dubio pro reo,* liema principju jistipula illi f'kaz ta' ezistenza ta' dubju serju, dan ghandu dejjem imur favur l-akkuzat.

3. Illi s-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti kienet wahda eccessiva u sproporzjonata. Konsapevoli mill-insenjament ta' Cesare Beccaria :
***"….che il fine delle pene non e di tormentare ed affiggere un essere sensibili, ne di disfare un delitto gia commesso ….."***
l-appellant jixtieq li bl-akbar umilta jissottometti li l-piena inflitta kienet eccessiva.

Semgħet il-provi mill-ġdid.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

Li skont PS 1030 Clint Theuma, huwa kien arresta lill-appellant waqt li kien hemm ġlieda quddiem il-club Escape. L-appellant jaħdem bħala security mal-istabbiliment imsemmi. Waqt tfittxija li saret fuq l-appellant, huwa kien sablu fil-but ponn tal-ħadid u bott pepper spray bħal tal-Pulizija. L-appellant kien qallu li dawn iżommhom fuqu u li kienu tiegħu bħala protezzjoni għalih. L-appellant kien qallu li ma kienx liċenzjat biex iġorrhom. Huwa fl-ebda ħin ma qal li kien sab xi ħaġa fuq il-persuni li kienu qegħdin jiġġieldu.

Fil-kontro-eżami x-xhud qal li l-ponn tal-ħadid u l-pepper spray kienu fil-but tal-appellant. Dawn ma kinux ippakkjati. Il-pepper spray kien jiffunzjona. Huwa kien ġiegħel lill-appellant joħroġhom għax kienu ħassew xi ħaġa iebsa. L-appellant kien ħariġhom mingħajr oġġezzjoni.

Xehed l-appellant li qal li tnejn miż-żgħażagħ kienu ippruvaw jidħlu ġewwa . Lil wieħed minnhom kien ħadlu l-ponn tal-ħadid u l-pepper spray. Il-Pulizija ma kinux tawh ċans jitkellem meta ried jgħidilhom li dawn l-oġġetti ma kinux tiegħu.

Fil-kontro-eżami huwa qal li lil xi persuna tista' toħdilha l-ponn tal-ħadid billi tirwilha idejha. Iz-zagħżugħ kellu ponn f'idejh u pepper spray ġol-but.

Xehed ukoll ħu l-appellant, Etienna Bugeja. Dan qal li wieħed miż-żgħażagħ kellu l-oġġetti diġa' msemmija. Dan qal li ra l-ġlieda. U l-pepper spray kien f'idejn żagħżugħ. Ma kienx ra minn fejn ħuh kien ħa l-ponn tal-ħadid lil dan iż-żagħżugħ.

Fil-kontro-eżami huwa qal li ra 'l ħuh jieħu l-ponn tal-ħadid minn idejn iż-żagħżugħ. Ma kienx ra lil ħuh jirwi jdejn dan iż-żagħżugħ.

Ikkonsidrat

Li dan il-każ huwa wieħed ta' jekk il-Qorti tal-Maġistrati għamlitx apprezzament sewwa tal-fatti jew le. Din il-Qorti ma tiddisturbax il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti jekk din setgħet tasal għall-apprezzament li għamlet raġjonevolment u legalment.

Din il-Qorti qed tasal għall-istess konklużjoni tal-Ewwel Qorti li x-xhieda tas-surġent dwar l-apparat li nstab fuq l-appellant hija ferm aktar kredibbli minn dik tal-appellant u ħuh. Is-surġent kien kategoriku u ċar ta' kif instabu l-affarijiet fuq l-appellant. Din il-Qorti mhix temmen li l-appellant kien ser jagħti xi spjega lill-Pulizija u li dawn ma tawhx il-ħin biex jagħmel dan. Barra dan, huwa saħansitra ta r-raġuni għala dawn kienu fuqu meta spjega li dan kienu intiżi biex jiddefendi lilu nnifsu. Dan il-punt ħareġ kemm fl-eżami kif ukoll fil-kontro-eżami. Ma' dan il-Qorti qed iżżid li x-xhieda ta' Etienne Bugeja ma saħħitx dak li

qal huh. Fl-aħħarnett il-verita' mhix kwistjoni ta' kemm xehdu persuni fuq naħa jew fuq oħra.

Dwar il-piena, ftit hemm x'tista' tgħid din il-Qorti meta wieħed iqis li l-ponn tal-ħadid huwa meqjus bħala arma pprojbita.

**Konklużjoni**

Għaldaqstant, il-Qorti qed tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fl-ismijiet premessi nhar it-8 ta' Marzu 2012 fl-intier tagħha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------